# Il-Festa ta' Santa Marija Assunta

**Kitba ta' Dun Anthony M. Saliba**

Il-Konċilju Vatikan II, fis-*Sacrosanctum Concilium*, jgħidilna: *Il-Knisja Mqaddsa tqim b'imħabba speċjali lil Marija Mqaddsa Omm Alla li hi marbuta b'mod li ma jinħallx ma' l-opra tas-salvazzjoni ta' l-Iben tagħha; fiha tilmaħ u bil-ferħ tara... dak li hi tixtieq u tittama li tkun.* (nr. 103) Għalhekk, f'dawn il-jiem ta' nofs Awissu, il-Knisja tħares lejn Marija Assunta mhux biss biex tifraħ bis-sbuħija u bil-glorja tagħha, imma wkoll għax fiha tilmaħ il-mera ta' dak li hija tixtieq li jseħħ fiha. Il-Knisja tħares lejn Marija biex fiha tqiegħed it-tama tagħha li magħha u bħalha tikseb il-glorja tas-sema. Għax f'Marija Assunta, il-Knisja tilmaħ:

- L-isbaħ kreatura fl-ordni tan-natura – għax fiha jsibu l-milja tagħhom il-kelmiet ta' l-awtur sagru tal-Proverbji meta dan jgħid: "Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu ta' għemilu, sa minn qabel l-eqdem għemejjel tiegħu." (Prov 8:22)
- L-eqdes kreatura fl-ordni tal-grazzja – għax hekk imur isejħilha l-Anġlu Gabriel: il-*mimlija bil-grazzja*. (Lq 1:28)
- L-ogħla kreatura fl-ordni tal-glorja – għax hija l-Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna tat-12-il kewkba fuq rasha. (Apok 12:1)

## "Fontes" Letterarju

Il-Bibbja ma tgħid xejn dwar it-Tlugħ ta' Marija. Però xi testi bibliċi, bħal dawk mill-Għanja ta' l-Għanjiet, jiġu interpretati bħala prefigurazzjoni ta' dan il-misteru Marjan. Dak li huwa tant limitat fl-iskrittura, insibuh imbagħad tant abbundanti fil-kitbiet apokrifi, b'mod speċjali f'dawk li bħala awturi tagħhom iġibu l-ismijiet ta' San Ġwann l-Evanġelista, Ġużeppi minn Arematija u Melitone ta' Sardi.

Dawn it-testi mill-vanġeli apokrifi li jitkellmu dwar il-ġrajja tal-Mewt u t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, jiġu ġeneralment imsejħa bl-isem ta' *Transitus beatae Virginis*. It-testi l-iktar bikrija ta' din il-ġrajja ma damux ma kisbu popolarità kbira fid-dinja Kristjana. Id-diversi traduzzjonijiet b'ilsna differenti ta' l-istess test jixhdu għal dan il-fatt. Insemmi t-traduzzjonijiet tat-*Transitur beatae Virginia* mis-Sirjak għall-ilsin Kopta, mill-Grieg għal-Latin u mill-Għarbi għall-Armen.

Ikun ferm utli li wieħed, hawn, jgħid fil-qosor dak li nsibu fid-diversi tradizzjonijiet apokrifi letterarji marbuta mal-ġrajja tal-Mewt u t-Tlugħ ta' Marija. Fil-bidu ta' dawn ir-rakkonti nsibu ż-żjara ta' l-Anġlu lil Marija lejn it-tmiem ta' ħajjitha biex iħabbrilha li wasal il-mument tal-mewt tagħha. Lil Marija, l-Anġlu ġabilha mis-sema fergħa tal-palm u ħabbrilha wkoll il-wasla mirakoluża ta' l-appostli, li allura kienu mxerrda mad-dinja kollha jippriedkaw u jxandru l-isem ta' Ġesù. L-ewwel wieħed li wasal għand Marija kien Ġwanni, l-appostlu l-maħbub ta' Ġesù u warajh waslu l-appostli l-oħra kollha. Fit-tielet siegħa tat-tielet jum, Marija kienet waslet fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha. Kien preċiż f'dan il-waqt, ikomplu jgħidulna dawn ir-rakkonti apokrifi, li Ġesù deher lil Marija bl-Arkanġlu San Mikiel miegħu u mdawwar b'anġli oħra. Hekk kif Marija temmet ħajjitha fuq din l-art, Binha Ġesù ***refa'*** lil ruħha lejn is-Sema, filwaqt li ordna lil Pietru u lill-appostli l-oħra biex imorru jidfnu l-ġisem ta' Ommu Marija fil-Wied ta' Kedron u jibqgħu hemm jistennew ħdejn il-qabar sa ma jasal *it-tielet jum*.

Il-ġisem għażiż ta' Marija, ikomplu jgħidulna dawn ir-rakkonti, inġarr f'korteo funebri. Ġwanni żamm f'idejh il-fergħa tal-palm li l-anġlu kien ta lil Marija qabel mietet, waqt li l-appostli l-oħra refgħu l-ġisem ta' Marija u, flimkien ma' l-anġli tas-sema, kantaw is-salm *In exitu Israel de Aegypto*. Fi triqthom lejn il-post tad-dfin, xi kapijiet tal-Lhud tas-sinagoga, avversarji tal-Kristjani, ippruvaw itellfu l-korteo u s-Sommu Saċerdot saħansitra pprova jaqleb il-ġisem mejjet ta' Marija. Però hekk kif ipprova jagħmel dan, idejn is-saċerdot baqgħu mwaħħla ma' dan l-istess ġisem qaddis.

Quddiem dan il-fenomenu sopranaturali, anke hu għamel stqarrija ta' fidi f'Ġesù bħala l-iben ta' Alla u f'Marija bħala l-omm tiegħu. Kif għamel dan, idejh

reġgħu mill-ġdid irkupraw saħħithom u kulħadd stagħġeb quddiem dan il-miraklu u faħħar lil Alla.

Il-korteo funebri baqa' sejjer lejn il-Wied ta' Kedron fejn allura kien jinsab is-sepulkru li fih indifnet Marija. Wara d-difna, l-appostli baqgħu hemm tlett ijiem għassa mal-qabar, sakemm fit-tielet jum, reġa' ġie Ġesù, bl-Arkanġli Mikiel u Gabriel biswitu. Ġesù dar fuq l-Arnkanġlu Mikiel u ordnalu jerfa' l-ġisem mejjet ta' Marija lejn is-sema, fejn allura l-istess ġisem ingħaqad mar-ruħ tagħha, fost il-ferħ u l-entużjażmu ta' l-appostli miġbura madwar il-qabar battal u ta' l-anġli tas-sema.

Bejn wieħed u ieħor, nistgħu ngħidu li din hija l-iskema essenzjali u komuni għar-rakkonti kollha apokrifi li jitkellmu dwar il-mewt u t-tlugħ ta' Marija fis-sema. Kull kitba, imbagħad, għandha dak li hu partikolari u li jagħmilha diversa mill-oħrajn. Hekk fir-*Recensio latina A* nsibu msemmija d-dehra ta' Marija lill-appostlu Tumas li wasal wara l-appostli l-oħrajn u li ma riedx jemmen li Marija tassew ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Marija, għalhekk, dehret lil Tumas u newlitlu l-ħżiem tal-libsa tagħha *(iċ-ċintura)* bħala sinjal veru u tanġibbli tal-qawmien tagħha mill-imwiet u tat-Tlugħ tagħha fis-sema.



Minbarra dawn ir-rakkonti apokrifi, sa mis-seklu V (wara l-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431) diversi testi tas-Santi Padri rigward it-Tlugħ ta' Marija bdew jingħataw importanza partikolari. Insemmi l-kitbiet ta' San Efrem, ta' Timotju ta' Ġerusalemm u ta' San Epifanju.

Hawn ta' min isemmi l-kitba msejħa Ittra lil Paola u Eustochio. Għalkemm din l-ittra ġiet fl-imgħoddi attribwita lil San Ġilormu, illum nafu li hija xogħol tal-Benedittin Pascasio Radberto (790-865). Il-kittieb ta' din l-ittra, filwaqt li jitkellem dwar it-Tlugħ ta' Marija fis-sema u jistqarr ċar u tond illi r-rakkont *De transitus virginis* huwa kitba Apokrafa, jafferma r-realtà tal-qabar vojt ta' Marija wara tlett ijiem mill-mewt tagħha, u jistqarr li l-istess Paola, li lilha hi indirizzata l-ittra, osservat dan il-fenomenu: *Monstrat autem sepulcrum eius cernentibus nobis usque ad praesens in vallis Josaphat medio.*

Aktarx li l-istess Radberto kiteb test ieħor dwar dan l-istess suġġett. Dan id-dokument iġib l-isem ta' *Liber de Assumpione beatae Mariae Virginis.* Kien hemm żmien meta din l-opra kienet attribwita lil Santu Wistin li minn dejjem kien favur il-verità dommatika tat-Tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Fid-dinja Kristjana tal-Punent niltaqgħu wkoll ma' Girgor ta' Tours li ġabar u ppubblika taħt ismu r-rakkont tat-Transitu ta' Marija fis-Sema bl-iskop li dan it-test jintuża fil-liturġija tal-Knisja Gallika. L-istess biċċa xogħol twettqet fil-Lvant minn San Ġwann Damaxxenu: anke dan ippubblika l-istess rakkont fil-ġabra ta' omeliji famużi tiegħu dwar it-Tlugħ ta' Marija, bl-isem ta' *Homeliae in Dormitionem B.V Mariae.* Kienu proprju dawn il-kitbiet li kebbsu fl-Ewropa medjevali qima u devozzjoni kbira lejn il-misteru tat-Tlugħ ta' Marija fis-sema.

Fis-seklu 13, id-diversi rakkonti tal-ġrajja tat-Tlugħ ta' Marija fis-sema ġew formulati f'żewġ testi ewlenin, li kienu popolari ħafna fost l-insara ta' dawk iż-żminijiet. Dawn iż-żewġ testi jġibu dawn l-ismijiet: wieħed ta' Jacop ta' Veragine bl-isem ta' *Legenda Aurea* u l-ieor *Speculum Historiale* ta' Vincenzo ta' Beauvais.

## Il-"Fontes" Liturġiku

Filwaqt li fil-Lvant, il-festa tad-Dormizzjoni ta' Marija kienet l-iktar waħda importanti fost il-festi kollha Marjani, fil-Punent u b'mod partikolari f'Ruma, ma jidhirx li kien hemm xi ċelebrazzjonijiet partikolari fi żmien San Girgor il-Kbir. B'danakollu, wieħed irid jgħid li fil-missal Gelasjan antik kien hemm diġà l-formularju tal-quddies *in adsumptione sanctae Mariae.*

Hu fatt ċert li l-festa liturġika ta' Santa Marija Assunta daħlet għall-ewwel darba fil-Knisja ta' Ġerusalemm lejn is-sena 450. Il-festa kienet imsejħa *Ir-Raqda ta' Marija*. Kien imbagħad l-Imperatur Mawrizju (582-602) li, permezz ta' editt, ordna li din il-festa tiġi ċċelebrata fil-Knisja tal-Lvant u fl-Imperu kollu tiegħu.

L-ewwel ħjiel ta' din il-festa fil-Knisja tal-Punent insibuh fil-Knisja tal-Gallja, lejn is-seklu 7. Fi żmien il-Papa Serġju I (687-701), din il-festa saret waħda mill-erba' festi ewlenin tal-Madonna. F'dawn iż-żminijiet, f'jum l-Assunta kienu jsiru purċissjonijiet solenni mat-toroq ta' Ruma.

Meta l-monaċi, biex jiskansaw il-periklu ta' l-invażjonijiet tal-Persjani u l-Għarab, ħarbu mil-Lvant u fittxew kenn fil-Punent, dawn ġabu magħhom il-kult lejn dan il-misteru għażiż u xerrdu kemm felħu d-devozzjoni u l-qima lejn l-Assunta. Minn dawk iż-żminijiet, il-festa bdiet tiġi ċċelebrata fid-dinja Kattolika.

## Qima sa mill-Qedem

Sa mill-ibgħad żminijiet, il-gżejjer tagħna taw qima partikolari lil Marija f'dan il-misteru glorjuż tal-ħajja tagħha. Mhux faċli tgħid meta daħlet fil-gżejjer Maltin il-qima lejn din il-festa. Ma nkunux qed niżbaljaw jekk nassumu li l-qima lejn l-Assunta daħlet fostna fl-ewwel żminijiet ta' l-iżvilupp u tat-tixrid tagħha fil-Knisja tal-Lvant, iktar u iktar meta niftakru li f'dawk iż-żminijiet bikrin, il-Knisja f'Malta kellha iktar kuntatti mal-Lvant milli mal-Punent.

M'hemmx dubju li hekk kif din il-qima daħlet fostna, Malta u Għawdex faru bi knejjes u kappelli ddedikati lil Santa Marija. Meta Mons. Dusina, Viżitatur Appostoliku, żar il-gżejjer tagħna fis-sena 1575, minn 186 knejjes u kappelli ddedikati lill-Madonna, 86 kellhom lill-Assunta bħala t-titular tagħhom.

Fost il-knejjes iddedikati lil Santa Marija Assunta, imsemmija minn Monsinjur Dusina, hemm il-Katidral ta' Għawdex. Ġrajjiet din il-parroċċa huma ġrajjiet il-knisja f'Għawdex. Fiż-żminijiet l-iktar bikrija, din il-knisja kienet imsejħa *l-Matriċi* ta' Għawdex, kif jixhed it-testment ta' Nucio de Episcopo, tat-12 ta' Ottubru 1435. Però ġrajjiet din il-knisja jeħduna wisq iktar 'il bogħod mis-seklu 15.

Fit-8 ta' Frar 1299, in-nobbli Gugliermo di Malta, qabel ma għamel it-testment tiegħu għand in-Nutar Genius de Puntremulo fil-Kastell ta' Għawdex, irċieva s-*sacro-sancto ministerio corporis et sanguinis domini nostri Ihesu Christi*, jiġifieri l-Vjatku Mqaddes.

Din it-tagħrifa hija biżżejjed biex tindikalna li f'dwk iż-żminijiet bikrija, il-knisja ewlenija tal-Kastell kienet diġà parroċċa, ladarba l-Vjatku Solenni jista' jingħata biss minn knisja parrokkjali. Dokument ieħor tat-22 ta' Diċembru 1463, imbagħad, jindikalna li din il-knisja mhux biss kienet knisja Matriċi, jiġifieri *omm*, imma wkoll kienet diġà tgawdi l-ġieħ ta' Kolleġġjata.

L-Assedju ta' Għawdex ta' Lulju 1551, ħarbat mhux biss il-ħajja soċjali u ċivika ta' l-Għawdxin, imma wkoll dik spiritwali tagħhom. L-Għawdxin, però, kienu wisq marbuta ma' din il-knisja parrokkjali ewlenija tagħhom.

Fis-6 ta' Ġunju 1623, l-Isqof Baldassri Cagliares waqqaf mill-ġdid il-Kolleġġjata f'din il-parroċċa, liema Kolleġġjata, imbagħad, ġiet ikkonfermata mill-Papa Alessandru VII, nhar l-20 ta' Ottubru 1663. Fit-22 ta' Settembru 1864, imbagħad, il-Papa Beatu Pio IX ħatar lil din il-Kolleġġjata Matriċi ta' Għawdex biex tkun il-Katidral tad-Djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.

Il-kwadru titulari ta' Santa Marija Assunta, li ħa post il-kwadru politiku l-qadim (seklu 15) li għadu meqjum sal-lum fil-pinakoteka ta'din il-knisja, hu xogħol Mikiel Busuttil miż-Żejtun, Malta u jġib id-data ta' l-1791. Ġie solennement inkurunat *nomine et auctoritate Summi Pontificis* nhar il-15 ta' Awissu, 1975. L-istatwa manjifika ta' l-Assunta, xogħol Ruman tas-sena 1897, ġiet solennament mogħtija lil din il-parroċċa Katidrali nhar id-29 ta' April 1956, mis-Soċjetà Mużikali Leone.


LEO
MOTORING
SCHOOL

Mob: 7944 8366